31 ta' Ottubru, 1947.

Imħallef :

L-Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

Giuseppe Saliba *versus* Francesco Spiteri

**Retratt — Konsangwineità — Art. 1561 u 1527 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Ir-retratt ġentilizju ma jmissux lill-qarib bid-demm ħlief meta l-fond mibjugħ kien ta' axxendenti komuni tiegħu kemm tal-bejjiegħ, u meta minnu nnifsu kien ta' dak l-axxendent tal-bejgħ li jagħti lok għall-irkupru ma ġie qatt trasferit lill-persuni li ma jkunux neżlin minn dak l-axxendent.*

*Mhux biżżejjed li l-persuna li lilha jkun ġie trasferit il-fond ma tkunx barranija għall-familja, imma hu meħtieġ li dik il-persuna, anki jekk mhux barranija, tkun nieżla minn dak l-axxendent.*

*Il-fatt li l-persuna li lilha jkun ġie trasferit il-fond kien ir-raġel ta' mara li hija dixxendenti minn dak l-axxendent ma jfissirx li l-fond ma ġiex trasferit lil min mhux nieżel minn dak l-axxendent; avvolja l-fond ikun daħal fil-komunjoni ta' l-akkwisti fejn għandha parti dik il-mara. Divers ikun il-każ kieku t-trasferiment ikun sar lir-raġel u lill-mara flimkien.*

*Min għandu dritt jirkupra parti biss minn fond ma jistax jippretendi li għandu dritt jirkupra l-fond kollu.*

Il-Qorti, — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur, wara li ppremetta illi huwa, in forza ta' ċedola ta' rkupru u ta' kontestwali depożitu numru 292/1947, preżentata fir-Reġistru ta' dina l-Qorti fil-15 ta' Frar ta' din l-istess sena 1947, irkupra in forza ta' titolu ta' konsangwineità u ta' kwalunkwe titolu ieħor lilu kompetenti skond il-liġi, mill-poter taċ-ċitat, tliet kwarti indiviżi tal-fondi tas-Sliema, fi Sqaq Fawwara, numri 91 u 92 li kienu ġew mill-istess ċitat akkwistati fl-atti tan-Nutar Dottor Antonio Attard tat-12 ta' Frar ta' l-istess sena 1947, kif ikun pruvat waqt it-trattazzjoni ta' dina l-kawża, ċedola li għall-atti tagħha l-attur jagħmel riferenza; u illi l-istess ċitat, b'ittra uffiċjali ta' l-1 ta' Marzu ta' dina l-istess sena 1947, ikkontesta lill-attur id-dritt illi jirkupra dawna t-tliet kwarti indiviżi, billi allega illi dana d-dritt ta' l-attur jinsab limitat għal nofs indiviż taż-żewġ fondi fuq imsemmijin, u illi t-titolu ta' l-istess attur ma jikkolpix

ir-rimanenti kwart indiviż — allegazzjoni li tinsab priva assolutament minn kwalunkwe *fondament ġuridiku*; u li għalduqstant l-istess ċitat, li kien ġie debitament interpellat fl-imsemmija ċedola li jagħmel fi żmien erbat ijiem għaf-favur ta' l-istess attur ir-rivendizzjoni ta' l-imsemmijin tliet kwarti indiviżi, irrifjuta li jagħmel dina l-istess rivendizzjoni; premessa, għall-bżonn, id-dikjarazzjoni illi l-attur eżerċita validament id-dritt ta' rkupru ta' l-imsemmijin tliet kwarti indiviżi illu kompetenti per mezz ta' l-imsemmija ċedola; talab illi din il-Qorti, previja r-reintegrazzjoni tad-depożitu a favur ta' l-istess ċitat ta' l-ispejjeż leġittimi minnu magħmula in okkażjoni ta' l-istess akkwist, jiġi *l-ill-istess konvenut prefiss* terminu qasir biex jeżegwixxi l-imsemmija rivendizzjoni, u in difett tiġi *dikjarata eżegwita* r-rivendizzjoni a favur ta' l-attur ta' l-imsemmijin tliet kwarti indiviżi tal-fond fuq imsemmijin tas-Sliema, Sqaq Fawwara, numri 91 u 92, bil-ġustijiet u pertinenzi tagħhom kollha, u kif ġew mill-istess ċitat akkwistati in forza tal-kuntratt fuq imsemmi tat-12 ta' Frar 1947. Bl-ispejjeż;

***Omissis*;**

Tikkunsidra;

Illi jirriżulta soddisfaċentement pruvat li l-fondi indikati fl-att taċ-ċitazzjoni kienu jappartjenu lil Paolo Saliba, u wara mewtu ġew assenjati *nofs indiviż kull wieħed lil uliedu Giuseppa* Grech u Vincenza Stewart. In-nofs indiviż ta' Vincenza Stewart ġie in segwitu akkwistat minn Spiridione Grech, ir-raġel ta' l-imsemmija Giuseppa;

Illi billi l-imsemmi Spiridione Grech mhux nisel mill-imsemmi Paolo Saliba, l-axxendent komuni, għandu jiġi ritenut li ma hemmx aktar jedd ta' l-irkupru, li jmiss lill-qarib tad-demm, in rigward tan-*nofs indiviż tal-fondijiet fuq* indikati, mixtri mill-istess Spiridione Grech minn għand l-imsemmija Vincenza Stewart. L-art. 1511 tal-Kodiċi Ċivili huwa ċar ħafna. Skond dak l-artikolu, "il-jedd ta' l-irkupru ma jmissx lill-qarib mid-demm, ħlief meta l-fond mibjugħ kien ta' axxendent komuni tiegħu *kemm tal-bejjiegħ*, u *meta, minn* mindu kien ta' dan l-axxendent u sal-bejgħ li jkun ta lok għall-irkupru, *ma ġie qatt trasferit* lil persuni li ma jkunux neżlin minn dak l-axxendent";

Illi ma tistax tiġi milqugħa l-pretensjoni ta' l-attur li

għandu dritt jirkupra anki l-imsemmi nofs indiviż billi Spiridione Grech, bħala żewġ Giuseppa Grech, bint l-axxendent komuni, ma għandux jiġi kunsidrat barrani; u dana għaliex, kif ġà rajna, skond il-liġi tagħna mhux biżżejjed li l-persuna li jiġi lilha trasferit il-fond ma tkunx barranija għall-familja, imma hu meħtieġ li dik il-persuna, anki jekk mhux barranija, tkun nieżla (dixxendenti) mill-axxendent komuni; u ma għandux jitnesa' illi f'din il-materja ta' retratt, kif dejjem għallmet il-ġurisprudenza, il-liġi qatt ma għandha tiġi interpretata b'mod li jkun hemm estensjoni ta' dan il-benefizzju restrittiv tad-dritt tal-proprjetarju li jittrasferixxi l-beni tiegħu favur min l-aktar jogħġbu;

Illi għalxejn l-attur jipprova jsostni l-pretensjoni tiegħu bl-awtorità tal-Voet; għaliex dak il-ġurekonsult ikkommenta d-"Diritto Comune", fejn ir-retratt ġentilizju hu akkordat lill-familja tal-venditur minn dik in-naħa li minnu tipproċedi l-proprjetà mibjugħa, jiġifieri lil dawk il-kunjati kollha li, almenu kollateralment, jappartjenu lill-familja min-naħa fuq indikata; mentri fil-liġi tagħna hu akkordat biss lid-dixxendenti mhux aktar 'il bogħod mit-tnax-il grad, u jekk il-fond ma jkun qatt għadda għand ħadd li ma kienx "nisel" mill-axxendent komuni. Għalhekk lanqas ma hemm għalfejn jiġi rilevat illi l-bran tal-Voet ċitat mill-attur jikkontempla wkoll każ assolutament divers minn dak in eżami;

Illi l-fatt li meta Spiridione Grech xtara n-nofs indiviż fuq imsemmi, dana n-nofs indiviż in virtù tal-patt tal-koakkwisti konjugali fil-kuntratt nuzjali ġie jmiss nofs lir-raġel u nofs lill-mara, dixxendenti ta' Paolo Saliba, ma għandux iġib bħala konsegwenza illi dak n-nofs indiviż ma għandux jiġi kunsidrat akkwistat minn min mhux nisel mill-axxendent komuni; għaliex jekk minħabba dak il-patt dana n-nofs indiviż ġie jmiss nofs lir-raġel u nofs lill-mara, dana ġara mhux in virtù ta' konsegwenza neċessarja neċessarjament derivanti mill-bejgħ lil Spiridione Grech, imma minħabba fatt aċċidentali għal kollox estraneu għal dak il-bejgħ. Dana huwa t-tagħlim li għandu jittieħed mis-sentenza ta' din il-Qorti tal-24 ta' Novembru 1875, mogħtija fil-kawża "Galea vs. Galea" (Kollez. Vol. VII, paġ. 481). Il-każ kien ikun divers kieku l-bejgħ sar liż-żewġ konjuġi, kif ingħad fl-istess sentenza, għaliex f'każ ta' bejgħ magħmul liż-żewġ konjuġi,

li wieħed minnhom ikun dixxendenti minn dak li oriġinarjament kien proprjetarju tal-fond, dak it-trasferiment ma għandux jiġi kunsidrat magħmul lil min mhux dixxendenti;

Tikkunsidra;

Illi l-attur issottometta wkoll, fit-trattazzjoni orali tal-kawża, li huwa għandu d-dritt jirkupra, jekk irid, il-fond intier, ladarba għandu dritt jirkupra kwota minnu; u jibbaża l-pretensjoni tiegħu fuq dak li hemm maħsub fl-art. 1527 tal-Kodiċi Ċivili. Skond dana l-artikolu, "jekk żewġ fondi, jew iżjed, jiġu mibjugħin flimkien, il-parti li jkollha l-jedd ta' rkupru fuq wieħed minn dan il-fondi, tista' tmexxi l-jedd tagħha fuq dak il-fond biss, u ma tistax tiġi mġiegħla tirkupra ebda wieħed mill-fondi l-oħra". Mill-kliem adoperati f'din id-dispożizzjoni tal-liġi l-attur jiġbed l-argument li wieħed għandu dritt jirkupra anki l-fond, jew fondi, l-oħrajn, jekk għandu dritt jirkupra fond mibjugħ flimkien mal-fond jew fondijiet oħrajn; u kwindi jissottometti li "a fortiori" għandu dritt jirkupra l-kwota rimanenti tal-fond meta għandu dritt jirkupra kwota minnu;

Illi lanqas dina l-pretensjoni ta' l-attur ma tistax tiġi milqugħa; u difatti l-kwistjoni ġa ġiet quddiem dawn il-Qrati, u ġiet *riżoluta f'sens kuntrarju għal dak pretiż mill-attur mill-*Qorti ta' l-Appell tal-Maestà Tiegħu r-Re, presjeduta mill-istess Sir Adriano Dingli li kien għamel l-imsemmija dispożizzjoni tal-Liġi tagħna meta kien Avukat tal-Kuruna. Il-Qorti indikata, b'sentenza tal-25 ta' Mejju 1883, konfermatorja ta' sentenza ta' din il-Qorti fil-kawża "Galea vs. Buhagiar" (Kollez. Vol. X, paġ. 145), iddeċidiet illi r-retraent ma għandux dritt ħlief għall-fond li jagħti kawża għar-retratt. "Che la corte di prima istanza", jingħad f'dik is-sentenza, "ha giustamente ritenuto che, secondo la disposizione dell'articolo 1191 (art. 1191 ta' l-Ordinanza VII ta' l-1868 korrispondenti għall-art. 1527 tal-Kodiċi Ċivili), *quando più fondi sono venduti insieme, quegli al quale la legge accorda il diritto di retratto sopra uno di essi non può esercitare quel diritto se non sopra questo fondo; e come non può essere costretto a ricuperare alcuno degli altri, così non può egli costringere il compratore a rivendergli alcuno di questi.* Che se le parole dell'articolo 1191 lasciassero luogo a dubbio sulla limitazione del diritto del retraente, la risoluzione dovrebbe non di meno

essere cont o l'estensione di un beneficio restrittivo del diritto del *proprietario di trasferire i suoi beni a favore di chi meglio gli piacesse*";

Tikkunsidra;

Illi l-konvenut ammetta li r-retratt eżerċitat mill-attur huwa sostenibili għal nofs indiviż tal-fondi in kwistjoni, jiġifieri għal kwart indiviż mibjugħ minn Paola mart Emmanuele Camilleri u għal kwart indiviż mibjugħ minn Carmelo Grech *in forza* tal-kuntratt indikat fl-att taċ-ċitazzjoni; u dana billi huwa jikkunsidra bħala qatt ma għadda għand persuna li mhix dixxendenti n-nofs għà appartenenti lil Giuseppa Grech in forza tal-patt tal-koakkwisti, li għadda għand uliedha wara mewtha, u b'hekk l-imsemmijin Paolo Camilleri u Carmela Grech, tnejn minn uliedha, ġie messhom kwart kull wieħed, jiġifieri terz kull wieħed tan-nofs li kien ġie assenjat lilha u terz kull wieħed tal-kwart illi l-istess Giuseppa Grech kien imissha in forza tal-patt tal-koakkwisti fuq imsemmi. Il-konvenut irrespinġa biss it-talba ta' l-attur għall-kwart biss li biegħ Spiridione Grech, u skond dak li ntqal fuq jidher li għandu raġun;

Illi l-konvenut iddikjara wkoll li huwa lest biex jagħmel ir-rivendizzjoni favur ta' l-attur tal-porzjonijiet fuq indikati, u l-ammissjoni tad-dritt ta' l-attur għall-irkupru ta' dawn *il-porzjonijiet u d-dikjarazzjoni tiegħu li huwa lest biex* jirrivendihomlu, kien għà għamilhomlu per mezz ta' l-ittra uffiċjali qabel ma bdiet il-kawża, kif jingħad fl-istess att taċ-ċitazzjoni;

Għal dawn il-motivi;

Tilqa' t-talbiet ta' l-attur limitatament għal nofs indiviż tal-fondijiet in kwistjoni, jiġifieri għal kwart indiviż mibjugħ *lill-konvenut minn għand Paola mart Emmanuele Camilleri* u għal kwart indiviż mibjugħ lill-istess konvenut minn għand Carmelo Grech, in forza tal-kuntratt fuq imsemmi; u tiċħad it-talba ta' l-attur in rigward għall-kwart indiviż ta' l-istess fondi mibjugħ lill-konvenut in forza ta' l-istess kuntratt minn għand Spiridione Grech;

Ir-rivendizzjoni għandha ssir f'xahar żmien mil-lum;

L-ispejjeż jibqgħu mingħajr taxxa, però d-dritt tar-reġistru jħallsu l-attur.